MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 449/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**Vs**
**Anton Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Frar, 2002, gewwa Bahar ic-Caghaq, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom sigaretti, flus, xorb u hi-fi li jammontaw ghal inqas minn Lm1,000.00(elf lira maltin) ghad-detriment ta' Victor Borg mis-Siggiewi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u hin;
2. l-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm500.00(hames mitt lira Maltin) imma hija izjed

minn Lm50.00(hamsin lira Maltin), ghad-detriment ta' Victor Borg mis-Siggiewi;

3. fl-istess cirkostanzi, f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

4. ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr C Scerri Herrera LL.D) datata 18.12.2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5. kiser ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr C Scerri Herrera) datata 18.12.2001;

6. sar recidiv ta' serq b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263, 270, 279, 325 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi t-tielet akkuza hija wahda alternattiva ghar-reat principali ta' serq ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sena habs.
Dwar ir-raba' w il-hames akkuza, tenut kont ta' l-eccezzjoni mqajma mid-difiza w in-nuqqas ta' l-ufficjal prosekutur li jirregola ruhu, stante ghalhekk il-Qorti kellha dubju dwar dak kif premess, kienet kif trid il-ligi tat il-beneficcju tad-dubju lill-appellant u lliberatu mill-istess.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil-appellant hati ta' l-akkuzi kontra tieghu, minflok tvarja l-piena nflitta, w tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena.
Dan il-kaz partikolari, jirrisali ghal reati kommessi mill-appellant oltre' seba' snin ilu. Sfortunatament, f'dak il-perjodu l-appellant kien ghaddej minn perjodu inflitt minn problemi serji li wasslu sabiex jigu kommessi dawn ir-reati. Il-hajja w it-trobbija ta' l-appellant kienet wahda instabbli u difficli u wara perjodu ta' diffikultajiet li l-appellant kien ghaddej minnhom, illum il-gurnata l-appellant huwa persuna totalment riformata, li sabet posta fis-socjeta'.
Illi f'dan is-sens l-appellant jirrileva li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, partikolarment tar-riforma kompleta ta' l-appellant tul is-snin, il-piena erogata kienet wahda mhux idonea, stante illi giet imposta fuqu piena karcerarja ta' sena prigunerija, w ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost, l-appellant jissottometti li setghet tigi mposta piena aktar ekwa w gusta.
Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi llum huwa persuna differenti, illi kellu jinghata cans iehor, sabiex ir-riforma tieghu tkompli tigi msahha.

Ikkunsidrat :

Li din is-sentenza qed tkun limitata ghal eccezzjoni preliminari mqajjma mill-Avukat Generali fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2010, fejn eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell peress li fil-parti konkluzjonali w cioe' t-talba tal-appellant ma hemmx indikazzjoni x'qed jitlob ghar-raba' w il-hames akkuzi li minnhom gie lliberat bid-decizjoni tal-ewwel stanza.

L-appellant wiegeb illi l-appell huwa limitat ghall-piena w ikkwotat is-sentenza tal-Ewwel Qorti *ad verbatim*, liema sentenza ghal dak li jirrigwarda l-meritu m'ghandhix tigi varjata. Dan jinkludi wkoll ir-raba' w il-hames akkuzi w ghalhekk l-eccezzjoni tal-Avukat Generali ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat :

Minn ezami akkurat tat-talba tar-rikors tal-appell issib illi l-appellant qieghed jitlob riforma fis-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma fil-parti fejn sabet il-htija, tvarja fejn tikkoncerna l-piena w verament ma jsemmi xejn dwar l-akkuzi l-ohra illi minnhom gie liberat. Biex il-Qorti tasal ghal din l-informazzjoni kellha tfittex f'partijiet ohra tar-rikors u l-atti tal-kawza biex hadet l-informazzjoni mehtiega ghall-liema akkuzi l-appellant gie lliberat. Dana mhuwiex l-ispirtu tal-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali.
Minn barra s-sentenzi kkwotati mill-Avukat Generali, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Galea" deciza fit-30 ta' Gunju, 1995, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet car u tond ***"bhala regola generali l-artikolu 419(1), cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew bdil tas-sentenza, giet "very strictly and rigidly interpreted".*** Fl-istess sentenza l-Qorti tkompli tghid ***"ir-resontret tal-artikolu 419(1)(A)(B)(C) huwa s-simplifikazzjoni w l-kjarezza w il-legislatur ried li r-rikors tal-appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn x'hix qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Il-vot tal-ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwohom."***

Aktar qabel il-Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni tikkommenta fuq din il-kwistjoni fil-kawza "Il-Pulizija vs Michael Curmi" deciza fil-25 ta' Lulju, 1994, fejn fost affarijiet ohra qalet ***"mhuwiex kompitu tal-Qorti li tipprova tislet hi l-motivi tal-appell mid-diversi paragrafi dwar il-fatti ghax altrimenti dawk il-motivi***

***ma jkunux verament tal-appellant izda dawk kongetturati mill-Qorti."***

Din il-Qorti thoss illi n-nuqqas ta' mensjoni tar-raba' w il-hames akkuzi fil-parti konkluzzjonali tal-appell tpoggi lil din il-Qorti f'sitwazzjoni li jkollha tassumi hi x'kellu f'mohhu l-appellant dwar ir-raba' w il-hames akkuzi.

Il-Qorti tal-Appell ma tistax taghmel assunzjonijiet u trid toqghod strettament fuq dak illi jkun talab l-appellant, ghax huwa dak li jorbot lilu w lill-Qorti fid-decizjoni taghha.

F'dan l-istadju n-nuqqas tal-appellant ma jistax jigi sanat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell interpost minn Anton Vassallo irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------